# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 62/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**George Zahra**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **George Zahra**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 435863(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fis-16 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tal-16:15hrs kif ukoll fix-xhur ta' qabel, ġewwa l-inħawi magħrufa bħala tal-Ħarrub, Triq Bengħajsa, Birżebbuġa b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi

u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda dik li jostakola lil John Ellul mill-pussess ta' ħwejġu;

2. bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil John Ellul fil-pussess ta' ħwejġu jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-akkuża addebitata fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' ħames mitt Euro (€500). B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex fi żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas lill-imsemmi Reġistratur is-somma ta' seba' mija, tmienja u sittin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€768.91) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta espert f'dan il-każ.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Frar 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġ. A. Demicoli tal-11 ta' Frar 2021 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni jew ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali. Fl-affidavit ta' **PS 583 Evan Grech** (*a fol.* 2 *et seq.*) jingħad li kienet saret kwerela minn għand John Ellul permezz tal-avukat tiegħu f'liema kwerela ngħad li John Ellul jaċċedi bl-inġenji għall-qama minn passaġġ li jagħti minn fetħa li hemm quddiem il-fortizza ta' Bengħajsa fil-limiti ta' Birżebbuġa li tagħti għal fuq ir-raba' li hija proprjeta' ta' Giuseppi Grixti mqabbla lil George Zahra fejn Ellul igawdi d-dritt ta' passaġġ li taċċedi għal fetħa oħra li tagħti għal qasma oħra tal-imsemmija għalqa li mbagħad twassal għal passaġġ komuni li fih hemm porzjon ta' raba' li hija ta' Ellul. PS 583 Grech ikompli jgħid li meta l-kwerelant mar biex jaċċedi bl-inġenji tiegħu hu sab li ma setax jagħmel hekk peress li x-xatba li hemm imwaħħla fil-post kienet magħluqa b'katnazz li tqiegħed mill-appellant Zahra biex ma jħallihx (lill-kwerelant) milli jgħaddi bl-inġenji tiegħu. PS 583 Grech jgħid li kellem lill-appellant fejn qallu li kien minnu li waħħal il-katnazz max-xatba tal-għalqa u dan peress li l-għalqa tappartjeni lilu.

Illi jirriżulta li wkoll li anke George Zahra kien għamel kwerela kontra John Ellul u l-każ kontra John Ellul kien ġie deċiż fil-11 ta' Frar 2021 fejn il-Qorti tal-Maġistrati lliberatu. Dan jirriżulta mill-proċess anness fl-atti ta' dan l-appell.

Illi fl-atti proċesswali hemm ukoll att ta' diviżjoni redatt minn Nutar Dr. Victor John Bisazza fid-9 ta' Frar 2005. L-Ewwel Qorti kienet ħatret lill-Perit Robert Musumeci biex jirrelata dwar il-każ

fejn l-espert maħtur mill-Qorti ġabar ix-xiehda. Skont Ellul ix-xatba kienet ilha fil-post sentejn u hu kien jgħaddi għax ma kienx hemm katnazz iżda fis-16 ta' Ġunju 2014 huwa sab l-aċċess maqful b'katnazz. Huwa sostna li d-dritt li jgħaddi bit-trakk joħroġ minn kuntratt li eżebixxa, liema pjanta kienet ikkonfermata mill-appellant George Zahra bħala l-pjanta tal-kuntratt (*a fol.* 19). Minn naħa tiegħu l-appellant Zahra qal li skont il-pjanta tal-kuntratt il-*passageway* jinsab biswit il-ħbula u mhux mat-triq. Huwa eżebixxa ritratt sabiex juri li l-vetturi ta' Ellul għandhom alternattiva minn fejn jgħaddu. Fl-aħħarnett ikkonferma li kien propju hu li ċaqlaq il-fetħa, għamel kanċell u waħħal il-katnazz għaliex l-għalqa tinsab imqabbla għandu.

Illi l-Perit Tekniku Robert Musumeci kkonkluda hekk: *"Mill-premess, jirriżulta paċifiku li l-kwerelant kellu l-pussess materjali tal-passaġġ in kwestjoni. Mill-banda l-oħra jirriżulta evidenti li l-imputat Zahra eżerċita att estern li jispolja lil kwerelant proprju mill-pussess li kien qiegħed igawdi, liema att kien evidentement eżegwit kontra l-oppożizzjoni ta' l-istess kwerelant. Jidher ukoll li l-imputat aġixxa fuq il-kredenza li l-att setgħa jsir b'eżerċizzju ta' dritt, liema att messu għaldaqstant sar permezz ta' l-awtorita' pubblika"* (*a fol.* 24).

Illi li Ellul kien jgħaddi mill-post indikat jirriżulta kemm mill-eżami kif ukoll mill-kontro-eżami. Filfatt fil-kontro-eżami huwa jgħid: *"Mill-fetħa fejn illum hemm il-gate, ilni ngħaddi minn mindu Zahra għamel il-gate, u ċioè 2011, iżda qabel ma ċaqlaq dil-gate jien kont ngħaddi minn hemm minn dejjem. Qabel ma l-biċċa l-ħamra ġiet għandi, kienet għand iz-ziju Leli u kont nikri minn għandu u kont ngħaddi minn hemm"* (*a fol.* 32). Huwa spjega wkoll kif minn bnadi oħra ma setax jgħaddi bit-trakk.

Illi minn naħa l-oħra l-appellant ikkonferma li kien ċaqlaq il-fetħa u li mbagħad għamel il-kanċell. Huwa xehed hekk: *"Ngħid li jien għamiltu l-katnazz għax l-għalqa hi mqabbla lili u kont jien li rranġajt il-ħajt kif ukoll kont sibt ċertu vendikazzjonijiet u fil-fatt kont għamilt xi rapporti"* (*a fol.* 34 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ l-appellant ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti bir-reat li jemerġi minn Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat huwa dak hekk imsejjaħ ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjah *"the exercise of a pretended right"*.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law" (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat in diżamina ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh ("*di privato braccio*") dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni

volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi hu normali f'kawżi bħal din li x-xenarji li jemerġu huma kontrastanti iżda b'danakollu il-provi mismugħa xorta huma tali li jwasslu lil din il-Qorti għal ċerti konklużjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-qofol tiegħu dan huwa appell li jirrigwarda apprezzament tal-provi. Din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha legalment u loġikament. B'danakollu din il-Qorti eżaminat il-provi prodotti mill-ġdid.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-element tal-*mens rea* huwa nieqes. Jisħaq li biex jissussisti r-reat huwa meħtieġ li wieħed jagħmel azzjoni biex jirkupra lura dak li jkun qed jippretendi li għandu jedd fuqu u jgħid li f'dan il-każ ma ġarax hekk. Jgħid li hu sempliċement għamel katnazz biex jagħlaq xatba li tagħti għall-għalqa li hija fil-pussess tiegħu u li filfatt hu (l-appellant) kien irrapporta lil John Ellul.

Illi l-appellant jissottometti li ma saritx il-prova tal-element formali tar-reat ta' *ragion fattasi*. Fin-Noti tiegħu "Notes on Criminal Law", il-Professur Anthony Mamo jikkummenta hekk dwar dan l-element (paġna 60):

> *"It might seem […] that rule thus rendering the existence of a complex mental element necessary to create this legal liability would, usually, cause the prosecutor such difficulty in obtaining evidence of it. For, to borrow the saying of a medieval judge, which Sir Frederick Pollock has made familiar to modern readers, "the thought of man is not triable, for the Devil himself knoweth not the thought of man." But this difficulty seldom arises in practice: for in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of criminal intent."*

Illi minn dak li xehed l-istess appellant quddiem il-Perit maħtur mill-Ewwel Qorti jirriżulta li f'dan il-każ kien hu li waħħal il-katnazz. Ix-xiehda hija ċara u tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-kwerela tirrigwarda għalqa ta' Giuseppi Grixti li hija għalqa totalment differenti stante li Giuseppe Grixti jiġi ħu Giuseppa Grixti. Jingħad illi x-xatba in kwistjoni qegħda f'għalqa oħra ta' Giuseppa Grixti li hija separata mill-għalqa li ġiet diviża bil-kuntratt ta' diviżjoni u li ma tissemmiex fl-istess kuntratt.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju għajr li qed tiċħdu għaliex l-appellant ma jistax l-ewwel jikkonferma l-pjanta quddiem l-espert u mbagħad jgħid li għandha x'taqsam ma' għalqa oħra. Dan ma sarx *a tempo vergine* meta huwa xehed anzi bil-maqlub ikkonferma dak li kien ippreżentat mill-kwerelant l-ieħor.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar ir-rapport tal-Perit Marie Louise Caruana Galea li kienet nominata fil-proċeduri kontra John Ellul. Jisħaq li l-Perit imsemmija kienet ikkonkludiet li John Ellul ma kellu ebda dritt jgħaddi mill-għalqa in kwistjoni u jisħaq ukoll li l-*parte civile* jistrieħ fuq il-kuntratt ta' diviżjoni ffirmat fl-atti tan-Nutar Bisazza iżda dan il-kuntratt ma jsemmix l-għalqa ta' kobor ta' 3,200 metru kwadru ta' Grixti li tinħadem mill-appellant. Jsostni li hu (l-appellant) qatt ma fixkel lill-*parte civile* jew terzi fid-dritt li jgħaddu bir-riġel u l-inġenji fix-xhur tas-sajf mill-passaġġ stabbilit fil-kuntratt tan-Nutar Bisazza.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li r-rapport li jsir riferenza għalih sar in konnessjoni mal-kawża mibdija mill-kwerelant l-ieħor. Issa huwa ben risaput li fil-każ tar-reat ta' *ragion fattasi* mhux meħtieġa l-prova ta' proprjeta'. Huwa biżżejjed, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, il-pussess fil-forma l-aktar bażika tiegħu ta' detenzjoni sabiex ikun jista' jiġi ppruvat li sar dan ir-reat. Din il-Qorti tinnota li dan il-pussess da parti tal-kwerelant l-ieħor jirriżulta mill-atti għaliex fix-xiehda Ellul jispjega kif kien jeżerċita dan id-dritt. Dan huwa wieħed mill-elementi importanti tar-reat ta' *ragion fattasi* li jirriżulta li ġie ppruvat. B'hekk isegwi li l-Qorti mhix qed tilqa' t-tielet aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa dwar talba għall-isfilz tar-rapport tal-Perit Musumeci kif ukoll dwar talba għall-isfilz tal-pjanta u jirreferi għal meta ppreżenta żewġ rikorsi f'dan is-sens.

Jgħid li t-tieni Rikors qatt ma kien degretat għaliex il-Maġistrat sedenti kien ser jirtira.

Illi mill-verbal tas-seduta miżmuma fid-19 ta' April 2018 (*a fol.* 54) jirriżulta li ġie verbalizzat is-segwenti:

> "Dr. Mario Demarco għall-*parte civile* jirrileva li huwa ma ġiex notifikat bir-rikors intavolat mill-imputat fil-31 ta' Jannar 2017 u bid-dokumenti annessi mal-istess rikors u lanqas bid-digriet mogħti fl-20 ta' Frar 2017 minn din il-Qorti diversament preseduta u jixtieq li jitratta dwar din it-talba wara li jieħu konjizzjoni tar-rikors u tad-dokumenti."

Illi jirriżulta li dakinhar tad-19 ta' April 2018 l-Ewwel Qorti ddiferiet il-każ għall-14 ta' Ġunju 2018 sabiex issir it-trattazzjoni dwar it-talba tad-difiża u kif ukoll it-trattazzjoni finali. Jingħad ukoll li fl-20 ta' Frar 2017 (*a fol.* 53) ingħata s-segwenti digriet:

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-Rikors.
>
> F'dan l-istadju tordna l-annessjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors bħala formanti parti tal-atti tal-kawża u tirriserva li tipprovdi ulterjorment wara li tkun semgħet il-partijiet."

Illi jirriżulta wkoll li l-partijiet ingħataw iċ-ċans li jagħmlu Noti ta' Sottomissjonijiet liema Noti ġew ippreżentati fl-14 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 80 *et seq.*) u fl-1 ta' Diċembru 2020 (*a fol.* 87 *et seq.*).

Illi minn dan kollu jirriżulta li kien hemm żmien biżżejjed quddiem l-Ewwel Qorti sabiex l-appellant jinsisti fuq digriet jew digrieti dwar it-talbiet tiegħu. Apparti minn dan għandu jingħad ukoll li l-espert wasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq dak li sema' bħala xhieda u mhux fuq il-pjanti jew il-kuntratt. Fuq kollox il-Qorti ma tara l-ebda raġuni impellenti biex tordna l-isfliz ta'

dokumenti li kienu kompilati skont ordni tal-Qorti u skont il-liġi u li huma riżultat ta' aċċess li sar fuq il-post. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll ir-raba' aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-ħames aggravju l-appellant jisħaq li hu ġie akkużat li fixkel lil Carmelo Muscat jew lil John Ellul fil-pussess ta' ħwejġu u li Carmelo Muscat ma rriżulta minn imkien.

Illi din il-Qorti tinnota li mentri t-tieni (2) imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni taqra hekk (*a fol.* 1):

> "bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandek, ġiegħelt bl-awtorita' tiegħek innifsek, lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil John Ellul fil-pussess ta' ħwejġu jew ħattejt bini, jew ksirt il-mixi tal-ilma jew ħadt l-ilma għalik, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, indħalt fi ħwejjeġ ħaddieħor",

fis-sentenza appellata din l-imputazzjoni ġiet riprodotta hekk (*a fol.* 93):

> "bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Carmelo Muscat fil-pussess ta' ħwejġu, jew fixkel lil John Ellul fil-pussess ta' ħwejġu jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tinnota li wara li fliet l-atti proċesswali kollha mkien ma sabet li kienet intalbet korrezzjoni fit-tieni (2) imputazzjoni u għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex ikollha dubju li l-kliem sottolineati hawn fuq hekk kif miktuba fis-sentenza tal-

Ewwel Qorti kienu biss *lapsus calami* jew *lapsus computeri* tal-istess Qorti.

Illi għall-grazzja tal-argument jingħad li anke kieku wieħed kellu jikkunsidra l-aggravju in eżami tal-appellant u t-tieni imputazzjoni hekk kif miktuba fis-sentenza appellata, wieħed jasal għall-konklużjoni li l-imputazzjoni kif miktuba fis-sentenza appellata tipprospetta alternattiva *"jew fixkel lil Carmelo Muscat, fil-pussess ta' ħwejġu, jew fixkel lil John Ellul fil-pussess ta' ħwejġu"*. Dan ifisser li biżżejjed li l-appellant jinstab ħati li fixkel lil John Ellul fi ħwejġu biex jinsab ħati tar-reat ta' *ragion fattasi*. Mill-bqija l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* li ġew elenkati aktar 'il fuq jirriżulta li ġew sodisfaċentement pruvati f'dan il-każ. B'hekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti qed tiċħad ukoll il-ħames aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant George Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**